**QORTI CIVILI PRIM AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 21 ta` Ottubru 2019**

**Rik. Gur. Nru. 113/2019 JZM**

**Darani Investments Limited (C51206)**

***kontra***

**1 Anthony Attard Montalto (K.I. 0631154M)**

**2 Jacqueline Micallef (K.I. 0124263M)**

**3 Christine Attard Montalto (K.I. 0085559M)**

**4 Anthony Attard Montalto (K.I. 0631154M) li b`digriet tal-20 ta` Marzu 2019 gie kkonfermat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Stephen Attard Montalto (K.I. 253469M) u Marcelline Luppino Attard Montalto (K.I. 6907755M)**

**Dan huwa digriet li qieghed jinghata fil-miftuh dwar rikors li pprezenta Daniel Farrugia (K.I. 557879M) fil-kwalita` tieghu ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta`l-attrici Darani Investments Limited (C51206) fl-14 ta`Ottubru 2019 (fol 74 u 75).**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2019.

Rat u semghet l-opposizzjoni bil-fomm li ghamlu l-konvenuti ghat-talba attrici, kif kienet registrata fil-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2019.

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum sabiex taghti provvediment fil-miftuh.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Il-premessi tar-rikors de quo kienu segwiti minn din it-talba :-

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha* ***tirrevoka d-digriet taghha tal-11 ta` Lulju 2019*** *u tawtorizza lill-esponenti Daniel Farrugia sabiex jipprezenta l-affidavit tieghu stess fis-seduta tal-15 ta` Ottubru 2019* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Id-digriet li dwaru qeghda tilmenta l-attrici kien digriet interlokutorju li nghata fl-udjenza tal-**<u>11 ta` Lulju 2019</u>**. Ghal din l-udjenza kien prezenti wkoll ir-rikorrent noe Daniel Farrugia.

**Ir-rikors tal-lum kien prezentat fl-14 ta` Ottubru 2019, u cioe` <u>tliet xhur u tlitt ijiem</u> wara li nghata d-digriet interlokutorju tal-11 ta` Lulju 2019, <u>lejliet</u> l-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2019.**

**Ikkunsidrat :**

Wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 12, u wara li qieset l-opposizzjoni tal-konvenuti, il-Qorti hija obbligata li tqis kwistjoni ta` ordni pubbliku li tinsorgi *ictu oculi* kemm mir-rikors innifsu kif ukoll mill-bqija tal-atti.

Ghall-fini ta` kjarezza, qeghda tirreferi ghall-kwistjoni ta` jekk setghetx l-attrici tipprezenta r-rikors odjern, **<u>hu xhinu l-mertu tieghu</u>**, tliet xhur u tlitt ijiem wara l-ghoti tad-digriet in kwistjoni.

Tissofferma fuq d-diversi subartikoli tal-Art 229 tal-Kap 12, li hija d-disposizzjoni li tirregola fl-assjem taghha il-materja in kwistjoni.

Ghandu jkun pacifiku li t-termini li jirrizultaw fl-Art 229 tal-Kap 12 huma perentorji.

Propju ghaliex huma hekk, u allura huma ta` ordni pubbliku, **<u>jobbligaw</u>** lill-Qorti sabiex tqajjem il-kwistjoni hi *ex ufficio* anke jekk, kif kien il-kaz odjern, il-konvenuti ma jlissnu xejn dwar il-materja.

**Ikkunsidrat :**

Ladarba d-digriet in kwistjoni kien interlokutorju, jekk dehrilha l-attrici li kellha ghalfejn tilmenta mill-esitu ta`dak id-digriet, hija kellha

toqghod ghall-osservanza **<u>stretta</u>** ta` dak li trid il-ligi dwar il-mod u manjiera ta` kif kellha tindirizza l-ilment taghha, fl-ambitu tad-diversi s-subartikoli tal-Art 229 tal-Kap 12.

Wara debita analizi, issib li s-subartikoli (1) u (2) tal-Art 229 tal-Kap 12 ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

Issib li dak applikabbli huwa s-subartikolu (3).

Teskludi ghal kollox l-applikazzjoni tas-subartikolu (4) ghaliex fir-rikors taghha, l-attrici mhijiex titlob lil din il-qorti sabiex tqis mill-gdid il-provvediment taghha tal-11 ta` Lulju 2019.

**Billi, <u>bl-aktar mod car u inekwivoku</u>, l-attrici qeghda titlob ir-*<u>revoka</u>* tad-digriet taghha tal-11 ta` Lulju 2019, u tenut kont li t-tieni parti tat-talba hija konsegwenzjali ghall-akkoljiment tat-talba ghar-revoka, allura japplika s-subartikolu (3) li jesigi l-osservanza ta` termini <u>stretti u perentorji</u> li, jekk ma jkunux osservati, igibu maghhom id-dekadenza tat-talba kif dedotta fir-rikors.**

**Jirrizulta mill-atti stess illi l-attrici baqghet inadempjenti fl-osservanza taz-zmien stabbilit mil-ligi sabiex titlob ir-revoka tad-digriet taghha de quo.**

**Billi jirrizulta li r-rikors de quo kien prezentat *fuori termine,* tenut kont ta` dak li jghid is-subartikolu (3) tal-Art 229 tal-Kap 12, ikun ghal kollox inutili ghaliha li tqis it-talba tal-attrici fil-mertu taghha.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-attrici fl-intier taghha kif dedotta fir-rikors tal-14 ta` Ottubru 2019.**

**Spejjez ghall-attrici.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**